Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **3** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 4 ta' Awissu 2009 fit-7.00p.m.**

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri |
| | Is-Sinjura Carmen Fearne |
| | Is-Sur Lawrence Ciantar |
| | Is-Sur George Farrugia |
| | Is-Sur Jesmond Mugliett |
| | Is-Sur Daniel Spiteri |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |
| **Skuzat** | Is-Sur Sandro Gatt |

## *Aġenda*

1. **Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.**
2. **Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.**
3. **Mozzjonijiet.**
4. **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.**
5. **Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.**
6. **Aġġornament**

**1.0** ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru. 2(1) tal-10 ta' Lulju, 2009:**

1.1.1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Ġie unanimament approvat li paragrafu 6.1, il-kelma 'Responsabiltajiet' għandha tieħu post il-kelma dekasteri.

1.1.3 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

➢ Il-Kunsilliera, s-Sinjura Carmen Fearne u s-Sur Daniel Spiteri daħlu fis-7.20pm.

**1.2** **Laqgħa Nru. 2(ll) tas-16 ta' Lulju, 2009:**

1.2.1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2.2 Rigward paragrafu 2.16, ġie unanimament approvat li nsibu mastrudaxxa biex jgħamel aġġustament fil-kaxxa tat-tenders biex tkun aktar sigura.

1.2.3 Ġie deċiż li rigward paragrafu 2.5, il-Kunsill għandu jibgħat reminder lill-ADT biex ituna risposta fi żmien 15 –il ġurnata. Ir-reminder għandha tiġi kkupjata lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

1.2.4 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**2.0** ***Mozzjonijiet***

2.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier– is-Sur John Baptist Camilleri (#018-02/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):**

*"Jipproponi li l-bins ta' ġol-Ġnien Mifsud Bonniċi jiġu irranġati sabiex l-għatu ma jkunx jinqala*."

Il-Kunsill approva unanimament.

2.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier– is-Sur John Baptist Camilleri(#019- 02/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):**

*"Jipproponi li dik il-biċċa art ta` bejn il-knisja u l-iskola tiġi imnaddfa minħabba li fiha ħafna ħmieġ u ħaxix ħażin."*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier– is-Sur John Baptist Camilleri(#020- 02/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu użu aħjar mill-Gwardjani Lokali sabiex fejn nistgħu innaqsu kull abbuż fil-lokalita` tagħna. Eżempju, tal-klieb, ġol-bandli u ġonna ,sewqan aċċessiv u storbjuż u ħmieġ fuq il-Promenade."*

Il-Kunsill approva unanimament u niktbu lis-Sur John Bonavia biex jibgħat Wardens pajżana.

2.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier– is-Sur John Baptist Camilleri(#021- 03/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):</u>**

*"Jipproponi sabiex fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, in-naħa ta' Triq tal-Gardiel nagħmlu xi forma ta' traffic calming sabiex innaqsu il-periklu li qed jiġi ikkawżat lil min ikun mixi u lir-residenti tal-madwar. Pjanta Annessa"* .

Il-Kunsill approva unanimament.

2.5 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne(#030- 16/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):</u>**

*"Nipproponi li fil-Librerija Pubblika jinxtara u jitwaħħal air-conditioner."*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.6 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#031- 17/07/09): Issekondata minn: Lawrence Ciantar -Kunsillier):</u>**

*"Jipproponi sabiex jitpoġġew żewġ bankijet li kienu fuq is-saqaf tal-waterpolo pitch."*

EMENDA: *"Jipproponi sabiex jitpoġġew żewġ bankijet iħarsu lejn il-baħar, li kienu fuq is-saqaf tal-waterpolo pitch."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata kif emendata jekk ikollna l-approvazzjoni tal-klabb tal-waterpolo.

2.7 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#032- 17/07/09): (Issekondata minn: Lawrence Ciantar -Kunsillier):</u>**

*"Jipproponi sabiex għall laqgħa li jmiss jinġiebu il-ħames kotba bankarji li għandu l-Kunsill u jingħata rendekont eżatt x`fihom għall-benefiċċju tal-Kunsilliera kollha. Minn naħa l-oħra nissuġerixxi li jinfetaħ kont ieħor biex fih jitpoġġew biss id-donazzjonijiet u xi dħul ieħor minn xi reklamar li jkun jista` jiġi użat għar-rivista/ magazine li ser jibda joħroġ fil-futur qrib."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jiġu preżentati l-accounts u l-bilanċi kollha tal-kontijiet tal-banek. Approvat ukoll li jinfetaħ kont għall-*magazine*.

2.8 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja(#033- 21/07/09):</u>**
**<u>(Issekondata minn: Lawrence Ciantar -Kunsillier):</u>**

*"Jipproponi sabiex fil-weekends Triq tal-Gardiel minn fejn Palm Valley sa kantuniera ma` Triq is-Sallur il-parking jiġi fuq żewġ naħat tat-triq. Dan jiġi bħall-aħħar biċċa tat-Triq Gardiel k/m Triq is-Sallur sa k/m Triq il-Qaliet."*

EMENDA: *"Jipproponi sabiex fil-weekends Triq tal-Gardiel minn fejn Palm Valley sa kantuniera ma` Triq is-Sallur il-parking jiġi fuq żewġ naħat tat-triq. Dan jiġi bħall-aħħar biċċa tat-Triq Gardiel k/m Triq is-Sallur sa k/m Triq il-Qaliet mis-7.00pm sas-7.00am."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata kif emendata.

2.9 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#034- 24/07/09):</u>**
**<u>(Issekondata minn: Carmen Fearne -Kunsillier):</u>**

*"Peress li r-residenti ta` Marsaskala ma` humiex konxji tax-xogħol kollu li qed isir mill-Kunsill tagħna fil-Lokal, jipproponi sabiex tibda toħroġ rivista kull tlett xhur kif ukoll li jiġi vvotat fond ta` mhux aktar minn* **€** *1,000 kull tlett xhur."*

EMENDA: *"Peress li r-residenti ta` Marsaskala ma` humiex konxji tax-xogħol kollu li qed isir mill-Kunsill tagħna fil-Lokal, jipproponi sabiex tibda toħroġ rivista kull tlett xhur kif ukoll li jiġi vvotat fond ta` mhux aktar minn* **€** *2,300 kull tlett xhur."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata kif emendata u għandha toħroġ it-Tender għar-rivista.

2.10 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#035- 24/07/09):</u>**
**<u>(Issekondata minn: Carmen Fearne -Kunsillier):</u>**

*"Jipproponi sabiex biex jitranġa t-taraġ u r-railing tat-taraġ li jagħti għall-baħar quddiem l-eċċelenza tiegħu l-President ta` Malta Dott. Ġorġ Abela."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata li ssir mill-ħaddiema tal-IPSL**.**

2.11 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#036- 24/07/09):</u>**
**<u>(Issekondata minn: Carmen Fearne -Kunsillier):</u>**

*"Jipproponi sabiex isir U shape barrier fi Triq Sant'Anna biex nevitaw trakkijiet tas-servizzi jitilgħu fuq l-bankina u ta` kull darba jkissru il-kaptelli tad-dranaġġ. Il-post eżatt huwa wara il-bini tas-summer nights."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata li ssir mill-ħaddiema tal-IPSL**.**

2.12 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne(#037- 27/07/09):</u>**
**<u>(Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):</u>**

*"Tipproponi sabiex il-Bajda u s-Sewda tiġi rinovata."*

EMENDA: *"Tipproponi sabiex il-Bajda u s-Sewda tiġi rinovata u ssir deskrizzjoni dwarha fuq il-Promenade ."*

Din il-mozzjoin ġiet approvata kif emendata.

2.13 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne(#038- 27/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):**

*"Tipproponi sabiex il-follow up tal-kors E-tfal jitkompla fil-Kunsill. B'hekk it-tfal ta' Marsaskala ma jkollhomx għalfejn imorru n-Naxxar. Il-Kunsill mhux ser joħroġ l-ebda fondi, s-sussidju ser jingħata kollu min-naħa tat-TCTC."*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.14 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne(#039- 27/07/09): (Issekondata minn: Mario Calleja, Sindku):**

*"Tipproponi li jitpoġġew bankijiet bejn il-bandli taż-Żonqor u ż-Żonqor Point Restaurant, fejn hu possibli."*

Il-Kunsill approva unanimament.

2.15 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sinjura Carmen Fearne(#040- 27/07/09):**

*"Tipproponi li jitwaħħal dawl maz-zebra crossing ta' ħdejn il-bandli taż-Żonqor."*

Il-Kunsill approva unanimament.

**3.0 *Ħlasijiet***

3.1 ***Ħlasijiet b'urġenza***

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | **€** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Lourdes Service Station** | Fuel for van | | | 30.00 |
| 2. | **Mrs.Claire Attard** | Support Clerk – July 09 | CA-014 | | 750.00 |
| 3. | **Ms.Chantel Zammit** | Support Clerk – July 09 | CZ- 014 | | 1090.40 |
| 4. | **Sterling Security** | Warden Service at Triq il-Bidni | Req No. 6102 | | 31.68 |
| 5. | **Mrs.Lilian Mifsud** | Health fees reimbursment | | | 233.00 |
| 6. | **Mr.Anthony Portelli** | Office rent | | | 2445.84 |
| 7. | **Maltapost** | Stamps | | | 95.00 |
| 8. | **Segretarju Permanenti OPM (ITSD)** | Advert | | | 37.00 |

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Graphics** | Newspapers | 18/7/09 | 59804 | 166.34 |
| 2. | **Mr Joseph P. Pavia** | Photographic Services for Police Show | 17/07/09 | | 20.00 |
| 3. | **Mr Joseph P. Pavia** | Photographic Services for Public Meeting | 17/07/09 | | 20.00 |
| 4. | **Zahra Enterprises Ltd** | Generator | 24/07/09 | 442070 | 290.00 |
| 5. | **AFS Ltd** | Pump | 24/07/09 | 148554 | 74.08 |
| 6. | **MB Distribution** | Cartridges | 21/07/09 | 285734 | 104.73 |
| 7. | **MB Distribution** | Cartridges | 17/07/09 | 285629 | 122.19 |
| 8. | **MB Distribution** | Cartridges | 09/07/09 | 285258 | 46.57 |
| 9. | **Tekno Air-conditioning** | Service | 17/07/09 | 3016 | 70.00 |
| 10. | **Mr Hugh Munro** | Fitting of plaque | 20/07/09 | | 22.50 |
| 11. | **Standard Publications** | Advert | 30/06/09 | 67687 | 79.30 |
| 12. | **Cutajar Hi-Fi Video Centre** | Repair of Coffee Machine | 20/7/09 | 250 | 56.00 |
| 13. | **La Playa Rest** | Snacks for Police Day | 11/07/09 | 3 | 123.20 |
| 14. | **Marsaskala Parish Church** | Snacks for Annual Meeting | 17/07/09 | | 56.70 |
| 15. | **Sound Vision Print Ltd** | Advert | 16/7/09 | 12425 | 105.63 |
| 16. | **Toni's Wine & Spirit** | Beverages | 17/07/09 | 1021130 | 262.36 |
| 17. | **Advanced Telecommunications** | Monitor | 17/07/09 | 40244 | 182.90 |
| 18. | **IT & T** | ADSL | 16/6/09 | 16779 | 27.48 |
| 19. | **Golden Gate Ltd** | Stationery | 14/07/09 | 330257 | 219.41 |
| 20. | **Golden Gate Ltd** | Stationery | 21/07/09 | 330535 | 64.07 |
| 21. | **Oasis Ironmongery** | Consumables | June 09 | | 631.10 |
| 22. | **Media Centre** | Advert | 13/07/09 | S-3390 | 93.46 |
| 23. | **Midsea Books Ltd** | Book | 14/07/09 | 14183 | 14.00 |
| 24. | **Saliba Bros Ltd** | Concrete | 30/06/09 | | 116.82 |
| 25. | **CVA Technology Co. Ltd** | Entering Valletta | 01/07/09 | | 35.34 |
| 26. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 6/2/09 | 11360 | 42.80 |
| 27. | **Gilbert Ironmongery** | Consumables | 27/4/09 | 11377 | 72.90 |
| 28. | **Vodafone** | Internet Service | 01/07/09 | 1621488072009 | 25.26 |
| 29. | **Union Press** | Advert | 30/06/09 | | 83.16 |
| 30. | **Acc, Cleansing Services Dep** | Extra Service for Public Conveniences | 9/07/09 | | 88.50 |
| 31. | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Local Wardens | 06/07/09 | JC-003/MSA | 3,973.58 |
| 32. | **Media Link** | Advert | 9/07/09 | 24805 | 203.90 |
| 33. | **Central Districts Office** | Patching | 21/05/09 | 2598 | 2,310.48 |
| 34. | **Go** | Mobile Phones | 15/07/09 | RB-216161-2009 | 590.57 |
| 35. ◆ | **Karmig Trading** | Advance on Pavement Works | 27/7/09 | | 4,166.83 |
| 36. | **Med Design** | Professional Fees | 27/7/09 | 30002680 | 122.92 |
| 37. | **TCTC Training** | E Tfal Applications | 28/07/09 | 290123 | 1,180.00 |
| 38. | **TCTC Training** | E Tfal Agreement & Leaflets | 28/07/09 | 290122 | 1,308.90 |

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 39. | **Tiffany's Take Away** | Gemellagg Qala u Marsaskala food & drinks | 30/7/09 | | 89.90 |
| 40. | **Di Rocco Ltd.** | Grey Crates for files | 30/7/09 | 45441 | 151.50 |
| 41. | **Joseph Caruana** | Fuel Expenses | May/June/ July | | 31.36 |
| 42. | **Advanced Telecomm.** | Printer Toner | 30/7/09 | 40316 | 651.04 |
| 43. | **Ms.A.Sant** | Librarian | July | | 86.65 |
| 44. | **Nexos** | Street Lighting | 29/07/09 | 896 | 582.07 |
| 45. | **Nexos** | Street Lighting | 29/07/09 | 895 | 417.72 |
| 46. | **Garden of Eden Ltd.** | Trip to Siggiewi – Limestone Heritage | 26/7/09 | 2,064 | 68.44 |
| 47. | **Image Systems Ltd.** | Photocopier Rent | 30/6/09 | Rent/033430 | 60.77 |
| 48. | **Tekno Airconditioning Ltd.** | Airconditioner | 27/7/09 | 576 | 675.00 |
| 49. | **Michael Caruana Photographic Services** | Photographs – waterpolo activity | 30/7/09 | | 20.00 |
| 50. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 22/7/09 | 11483 | 262.81 |
| 51. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 22/7/09 | 11484 | 1,010.20 |
| 52. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings | 23/7/09 | 11490 | 113.95 |
| 53. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Traffic Signs | 20/7/09 | 11454 | 114.46 |
| 54. | **Enemalta Corporation** | Fustun | | | 130.00 |
| 55. | **Advanced Telecom. Ltd.** | Photocopier Toner | 31/7/09 | 40320 | 249.19 |
| 56. ◆ | **Transline Co Ltd.** | Refuse Collection | 30/7/09 | 656 | 7,302.00 |

Ġie unanimament approvat li mill-kont tat-Transline jitnaqqas jum peress li trakk wieħed ma ħadimx f'jumejn. Id-dati kienu l-24 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju 2009.

Il-Kunsill approva l-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq bl-eċċezzjonijiet ta' Transline li għandu jammonta għall-€ 7,066.45.

➢ Il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri informa l-Kunsill li fit-28 t'Awissu se jsir Rock Concert għaż-Żgħażagħ u hemm spiża (għad-dawl) ta' € 350 eskluża l-VAT.

Il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri ġie mitlub li jippreżenta budget għall-spiża totali filwaqt li l-Kunsill approva din l-attivita'.

## 4.0 Korrispondenza

### 4.1 Skola Primarja (35/2559/09)

Is-Surmast tal-Iskola primarja nfurmawna li għas-Sajf se jgħamel proġett billi jinstalla tapit tal-lakstu fil-bitħa ta' wara biex jilgħabu t-tfal tal-Year 1, 2, u 3.

Il-Kunsill approva unanimament li noffru t-tapit tal-lakstu li għandna maħżun fil-garaxx tal-Kunsill li kien inxtara biex isiru l-bandli ta' Triq il-Qaliet .

Il-Kunsilliera, s-Sinjura Carmen Fearne, qalet li hu neċessarju li l-librerija jinbidillha l-post u ssir waħda ġdida.

Hija nfurmat lill-Kunsill li se jsiru *councelling intervention* lir-residenti dwar problemi fil-familja, mard ecc…

**4.2 Laqgħa Pubblika**

Il-Kunsilliera qalu li fil-laqgħa pubblika kienu diżappuntati ħafna bid-diskussjoni li saret fuq l-accounts tal-Kunsill fejn fl-ispiża kapitali għas-sena 2008/2009 il-figuri ma kienux dawk attwali.

**4.3 Study Visit – Slovakia (35/2689/09)**

Is-Sur Silvio Schembri bagħat programm biex isir studju fi Slovakia bejn is-16 t'Awissu 2009. Il-pagament ta' din iż-zjara hu biss ta' € 100 bħala *partecipation fee* u se tkun organiżżata mill-Fondazzjoni Gal Xlokk. Il-parteċipanti se jkollhom kollox imħallas.

Il-Kunsill approva li s-Sindku jattendi għal din iż-żjara.

**4.4 Disinjar ta' Ċentru tal-lokal(35/2715/09)**

Is-Sur Ruben Buttigieg bagħat proposta biex issir sejħa għall-proposti ta' proġetti għall-parti ċentrali tal-lokalita'. Il-Kunsill approva unanimament li għandna nistennew li ssir id-devoluzzjoni tal-Ġnien Sant'Anna u wara nkunu nistgħu nifthu diskussjoni mal-Assoċċjazzjoni tal-Ħwienet ta' Wied il-Għajn.

**4.5 Ħinijiet tal-iskrivani tal-Kunsill**

Il-Kunsill approva, wara talba mill-iskrivani tal-Kunsill li l-ħinijiet tax-Xitwa jkunu mis-7.30 am. sal-4.30 pm u jaqsmu break, sakemm il-Kunsill jibqa miftuħ il-ħin kollu u fis-Sajf mis-7.30 am. sas-1.30pm.

**4.6 Premju Anzjan tas-Sena 2009 (35/2702/09)**

Il-Kunsill approva unanimament li nipproponu lis-Sur Alfred Debono għall-Premju Anzjan tas-Sena 2009.

**4.7 Lamp Posts għal Triq iż-Żonqor (35/2698/09)**

Il-Kunsill rċieva kwotazzjoni għall-5 fanali bħal dawk li diġa hemm fuq il-promenade ta' Triq is-Salini. Ġie nnotat li dawn il-lamp posts jiġu *b'energy saving lamp* ta' 23W u dan mhux biżżejjed biex tiddawwal Triq iż-Żonqor. Għaldaqstant ġie approvat li nitolbu lill-kuntrattur (E.Calleja & Sons) biex jinfurmana jekk hux possibbli li nżidu l-wattage ta' dawn il-fanali.

Ġie kkonfermat ukoll li hemm sitt postijiet fejn jistgħu jitwaħħlu l-fanali u għaldaqstant nitolbuħ biex itina kwotazzjoni ġdida għall-sitt fanali.

- ***Il-Kunsillier, is-Sur John B.Camilleri nforma l-Kunsill li ġie avviċinat biex fil-11 t'Ottubru, 2009 issir f'Marsaskala Military Tatoo. Il-ħlas ta' din l-attivita' hu ta' € 150 u noffru snak u drink lil kull parteċipant.***

  ***Il-Kunsill approva li naċċettaw din l-offerta.***

- ***Il-Kunsill approva unanimament li ssir ħarġa f'Awissu għall-Għawdex għall-anzjani u ħbieb tagħhom fit-18 t'Awissu 2009.***

- ***Il-Kunsill approva li għal Ġimgħa Marsaskala jiġi organiżżat tournament tal-Waterpolo fejn nippreżentaw trophies lill-parteċipanti u li jiġu mixtrija mingħand Alka Ceramics ta' Ta' Qali.***

*5.0* ***Aġġornament***

Fil-11.00pm. il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa. Ġie approvat li l-laqgħa li jmiss issir nhar ta' Tnejn 24 t'Awissu 2009, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| ***Joseph Caruana*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |